# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 427/97

Joseph Delceppo

vs

Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 22 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn in-1990 u n-1995 huwa sofra ingustizzja f'li qalgha diversi transfers vendikattivi u ma nghatax promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal jahdem mal-Public Works Department fin-1979 bhala Labourer u wara ftit poggewh fid-Drainage Section fejn kellu Allowance li anke gieli telghet Lm60 fix-xahar, ix-Xift Allowance u anke l-overtime li kien jaghmel fil-Hdud u Festi.

Wara li telghu n-Nazzjonalisti fil-Gvern fit-2 ta' Frar 1990 huwa qala' transfer ghal Marine Works Pinto Wharf fejn ix-xoghol ma kellu x'jaqsam xejn max-xoghol tieghu fid-drenagg. B'dan it-transfer spiccatlu l-allowance, ix-xift allowance u anke l-overtime. Spicca jiehu id-dar mieghu madwar Lm60 inqas fix-xahar, u dan gab tbatija kbira fuq il-familja kollha tieghu.

Huwa applika diversi drabi ghal promotion ta' Chargehand jew Supervisor izda la qatt tawh acknowledgement, u lanqas baghtu ghalih ghal xi test jew ghal xi interview izda nies li ma kellhomx servizzz u esperjenza daqsu hadu promotion u hu ma ha xejn.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata kumpens xieraq tax-xift allowance u l-overtime li tilef u l-promotion b'lura min-1990, jew inkella dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5,000 jew kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mir-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie mpjegat fil-grad ta' Labourer mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet b'effett mit-2 t'April 1979. Hu lahaq il-grad ta' Skilled Labourer fid-9 ta' Jannar 1981. Fid-19 ta' Dicembru 1988 hu sar Drainage Worker. Fl-1 ta' Jannar 1991 permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku, hu gie assimilat fil-grad ta' Operative fejn ghadu jgawdi din il-kariga sal-lum.

Fil-5 ta' Frar 1990 ir-rikorrent gie trasferit mid-Dipartiment tad-Drenagg ghal mas-Sezzjoni tal-Marines. Hu dam hemmhekk sat-13 ta' Novembru 1994, u rega gie trasferit lura fid-Dipartiment tad-Drenagg b'effett mill-14 ta' Novembru 1994.

Illi dan it-trasferiment ma kienx oppressiv izda kien gustifikat mill-principju tal-mobilita ta' l-impjegati pubblici.

Fiz-zmien li ghalih jappertjeni l-ilment, fid-Dipartiment tax-Xogholijiet kienu hargu s-sejhiet segwenti:

| | |
|---|---|
| Chargehand: | 3/87 u 123/88 |
| Supervisor: | 130/88 u 37/92 |

Ir-rikorrent naqas li japplika fiz-zewg sejhiet ghal grad ta' Chargehand cioe' sejha numru 3/87 u 123/88 datati 13 ta' Jannar 1987 u 10 ta' Novembru 1988 rispettivament.

Ir-rikorrent applika ghas-sejhiet ghal grad ta' Supervisor cioe' sejha numru 130/88 datata 28 ta' Novembru 1988 u sejha numru 37/92 datata 5 ta' Mejju 1992 rispettivament.

Fl-ewwel sejha cioe' sejha numru 130/88 ir-rikorrent inghata in-numru 814 bhala n-numru ta' riferenza u applika ghal grad ta' Supervisor kif ukoll ghal dak ta' Engine Driver. Fl-intervista ta' Supervisor hu gab 36 marka minn total ta' 100 fil-waqt li assenta ruhu ghall-intervista ta' Engine Driver. Ghaldaqstant, hu naqas li jissodisfa l-kriterji tal-Bord.

Fit-tieni sejha cioe' sejha numru 37/92 ir-rikorrent inghata n-numru ta' riferenza 326 izda din is-sejha qatt ma giet finalizzata u giet effettivament kancellata. Ghal din ir-raguni hadd ma attenda ghall-intervista.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija minnu fir-rikors.  Kien jahdem mal-Public Works Department - Drainage Section bhala drainage worker jigifieri dak iz-zmien kien Group C u dan mill-1983 bejn wiehed u iehor. Sostna li dejjem ghamel xogholu tajjeb u qatt ma kellu rapporti hziena.  Anzi gieli kien ikun hemm nies neqsin u bil-leave,

allavolja kien ikun hiereg mal-familja kien jidhol jahdem u lanqas overtime ma kien jithallas. Gieli inghata time off in lieu.

Is-superjur tieghu kien certu Vince Magri u kien ihobb ideffes il-politika. Ir-rikorrent qatt ma heba it-twemmin politiku tieghu u ghalhekk is-sur Magri ma kienx igibu. Darba minnhom fit-2 ta' Frar 1990 mar Michael Rogers, it-timekeeper, li qallu "Spiccajt minn mad-Drainage Section", u dan meta kien drainage worker. Meta talab ir-raguni ghat-trasferiment hadd ma tah raguni. Bejn l-1990 u l-1994 intefa mal-Marine Works tal-Public Works.

Fl-1994 iggielditlu l-GWU u regghu baghtuh mad-Drainage works. B'hekk bejn l-1990 u l-1994 tilef f'allowances is-somma ta' Lm2,880.

Sostna illi saret ukoll ingustizzja mieghu meta ma nghatax promozzjoni minn Group C ghal supervisor. Mar ghall-intervista ghaliex l-ezami kien biss orali. Sostna li l-interview sar taparsi u kienu jafu lil minn ser jaghmlu minn qabel.

In kontro ezami r-rikorrent xehed li qabel it-2 ta` Frar 1990 ma kienx gie trasferit, u dan ghal Marine Section liema sezzjoni ma kellu xejn x` jaqsam maghha. Cahad li kien trasferit minhabba li kellu hafna argumenti fuq ix-xoghol. Is-Sur Magri kien il-persuna li kien in charge mis-sezzjoni tad-Drainage u dan matul it-tliet snin kollha kemm huma bejn l-1987 u l-1990. Il-Marine Section ma ha ebda allowance. Ir-rikorrent semma li jiehu parti attiva fil-meetings tal-Partit Laburista. Kwistjonijiet politici mas-Sur Magri qatt ma kellu.

Richard Vella li jahdem bhala Group B fitter mad-Drainage section mad-Dipartiment tax-Xogholijiet u ilu f`din is-sezzjoni mill-1981 semma li r-rikorrent kien hemmhekk qablu ghax hu ghall-ewwel kien apprendist, u jafu jahdem bhala driver u anke xoghol kien jaghmel ukoll pero` ezattament x`rank kellu ma jafx. In-nies li gew wara ma qalghux transfer ghalkemm ir-rikorrent ha transfer. Ir-rikorrent ha t-transfer hu u xi erbgha laburisti ohra. Hu laburist ukoll pero` transfer ma hax. Ma jafx xi nazzjonalist li ha transfer. Ir-rikorrent kien jahdem bhal haddiehor.

Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv fid-Dipartiment tax-Xogholijiet semma li r-rikorrent kien tpogga fid-drainage section fl-1983. Fid-19 ta` Dicembru 1988 ir-rikorrent gie promoss ghal drainage worker. Din hija promozzjoni min Group B ghal Group C. Sussegwentement fil-5 ta` Frar 1990 id-direttur tar-rikorrent li kien is-Sur Vince Magri kien kiteb il-personnel section li m`ghandux bzonn aktar is-servizzi tas-Sur Delceppo u dan kif jirrizulta mid-Dokument “PSY”. Fil-file ma hemm xejn aktar x` jindika bhala r-raguni ghala tnehha r-rikorrent.

Zied jixhed: “Sussegwentement fl-1992 il-personnel officer kien baghat ghas-Sur Delceppo biex ikellmu u dan qed jigi mmarkat bhala Dokument “PSZ” minhabba li kien hemm xi ilmenti fuq il-komportament ta` Delceppo fuq il-post tax-xoghol tieghu….Fl-1994 l-ufficjal inkarigat minnu il-Perit Soler rega` kiteb lill-personnel section biex jitnehha s-Sur Delceppo mill-Marine section fejn gie trasferit u dan skond ma jirrizulta mid-Dokument

"PSA". Jirrizultali li meta gie transferred fl-1990 ma tilifx LM60 fix-xahar. Tilef fl-1987 tilef LM424, fl-1988 tilef LM359, fl-1989 tilef LM430. Dawk li ha f` dawk it-tliet snin pero` mbaghad fis-snin ta` wara sussegwenti ma ha xejn… Qed nesebixxi d-Dokument "PSB" li juri dawn l-ammonti."

Ir-rikorrent nghata promotion ta` Drainage Worker fl-1988.

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti u cioe' t-trasferiment u n-nuqqas ta' promozzjonijiet.

Dwar it-trasferiment ma inghatat ebda raguni hlief li s-sur Magri iddikjara li ma kellux bzonn tas-servizzi tieghu. Dak li qal ir-rikorrent dwar in-nuqqas ta' ftehim bejnithom dwar poliktika ma giex kontradett b'ebda mod. Vince Magri ma giex prodott bhala xhud tal-intimat biex jispjega ghala kien hemm bzonn tat-trasferiment ta' xi haddiema, u in partikolari ghaliex kellu jigi trasferit ir-rikorrent.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:
"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-

haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ma jidhirx li kien hemm raguni valida ghala sar it-transfer u hawn tirrizulta l-ingustizzja. Izda r-rikorrent semma li tilef madwar LM 2880. Dan mhux veru. Meta xehed is-sur Scicluna dan semma l-ammonti tal-1987 - LM424, 1988 - LM359, 1989 - LM430 li hija figura ta' cirka LM400 fis-sena. Ir-rikorrent dam trasferit mill-5 ta' Frar 1990 sat-13 ta' Novembru, 1994 u ghalhekk haqqu kumpens ta' LM1900.

Dwar l-ilment tar-rikorrent fuq il-promozzjonijiet jinghad li r-rikorrent fid-19 ta' Dicembru, 1988 sar Drainage Worker. Ma jidhirx li hawn ir-rikorrent setgha jilmenta minn xi vittimizazzjoni politika. Fl-1 ta' Jannar 1991 permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku, hu gie assimilat fil-grad ta' Operative. Ir-rikorrent naqas li japplika fiz-zewg sejhiet ghal grad ta' Chargehand cioe' sejha numru 3/87 u 123/88 datati 13 ta' Jannar 1987 u 10 ta' Novembru 1988 rispettivament.

Ir-rikorrent applika ghas-sejhiet ghal grad ta' Supervisor cioe' sejha numru 130/88 datata 28 ta' Novembru 1988 u sejha numru 37/92 datata 5 ta' Mejju 1992 rispettivament. Fl-ewwel sejha

cioe' sejha numru 130/88 ir-rikorrent applika ghal grad ta' Supervisor kif ukoll ghal dak ta' Engine Driver. Fl-intervista ta' Supervisor hu gab 36 marka minn total ta' 100 fil-waqt li assenta ruhu ghall-intervista ta' Engine Driver. Ma gab ebda provi li l-allokazzjoni tal-36% kienet zbaljata. Dwar meta lanqas biss mar ghall-intervista, zgur li ma jista jghid xejn.

Dwar it-tieni sejha cioe' sejha numru 37/92 din is-sejha qatt ma giet finalizzata u giet effettivament kancellata. Ghal din ir-raguni hadd ma attenda ghall-intervista.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Marzu, 1999 fejn insibu:

"Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li "Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero' l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha…Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."

Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

Ghalhekk dwar l-ilment tar-rikorrent fuq l-aspett tal-promozzjoni it-Tribunal ma jsibx l-ilment gustifikat, u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar it-transfer kif issemma fuq peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u disa' mitt lira [LM1900].

Minhabba natura tal-kaz spejjez bla taxxa.